# Qorti Ċivili
# (Sezzjoni tal-Kummerċ)

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur (Eur Law), L.L.D.**

**Ludgardo Gatt (KI 64946 (G)) u Rosalind mart l-istess Ludgardo Gatt (KI 31750 (G))**

**Vs.**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Illum 18 ta' Jannar, 2023**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Ludgardo Gatt et ai termini tal-Artikolu 300A tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, datat 5 ta' Awwissu, 2022, li jaqra kif isegwi:

> *Illi l-esponenti kienu diretturi u azzjonisti tal-kumpannija Tamarisk Properties Limited (C 10886) li kienet giet stralcjata b'mod volontarju u l-isem tal-kumpannija kien gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji fit-tletin (30) tà Lulju elfejn u dsatax (2019);*

*Illi fl-istralc, bi svista l-vetturi wahda tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tà registrazzjoni EBL 712, oħra tal-għamla Honda bin-numru FAL 289, u oħra tal-għamla Mazda bin-numru IAW 387 registrati f'isem il-kumpannija ma kienux gew imdahla fl-assi tal-kumpannija u ghadhom sallum registrati fuq il-kumpannija nonstante li giet stralcjata (kopja tal-log books immarkata 'A', 'E' u 'F'), liema vetturi riedu jduru fuq ir-rikorrent Ludgardo Gatt;*[1]

*Illi inoltre b'kuntratt tas-sitta u ghoxrin (26) tà Mejju 2015 li sar fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro (anness u mmarkat 'B') kif sussegwentement kien gie ikkoregut b'kuntratt iehor tas-sebgha (7) tà Novembru 2016 li sar ukoll fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro (anness u mmarkat 'C'), il-kumpannija kienet bieghet u ittrasferiet lill-kumpannija Unique Holidays Limited (C 70251) il-maisonette numru hamsa (5) fi Triq Ir-Rumani, Xlendi limiti Munxar, Ghawdex, li ghandha access iehor separat minn Triq Il-Qsajjem, flimkien mà l-appartament internament maghruf bin-numru tnejn(2) fil-first floor level (it-tieni sular) fi Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex, bl-ghamara u bl-oggetti mobbli kollha li jinsabu fihom it-tnejn, li a skans tà ripetizzjoni l-esponenti jaghmlu piena riferenza ghall-kuntratti esibiti minn fejn jirrizultaw id-dettalji kollha tal-Proprjetà, id-drittijiet li gew ittrasferiti u tal-kundizzjonijiet li taghthom kien sar il-bejgh;*

[1] It-tieni paragrafu gie mibdul b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2022.

*Illi l-esponenti llum indunaw li fl-imsemmija kuntratti kien sar zball fil-pjanta tal-fond tà Triq Ir-Rumani, Xlendi, li ghall-precizjoni jhossu l-htiega li trid tigi kkoreguta billi tigi sostitwita mà pjanta ohra korretta u aktar preciza;*

*Illi inoltre l-bejgh tal-imsemmija fondi kien sar soggett ghas-segwenti restrizzjonijiet imsemmija fi klawsola numru wiehed u tnejn (1 u 2) tal-istess att tà Bejgh, u cioé:*

1. *Soggetta ghall-uzu u uzufrutt a favur tad-diretturi tal-Kumpanija Venditrici Ludgardo Gatt u Rosalind Gatt personalment, fuq imsemmija, ghall-matul il-hajja rispettiva taghhom konguntivament u successivament wara l-mewt tà l-ewwel minnhom. B'dana illi l-genituri tad-Direttur Simon Gatt, jigifieri Ludgardo Gatt u Rosalind Gatt, ikunu jistghu dejjem jemendaw u/jew jirrevokaw din il-klawsola minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-Kumpanija.*

2. *Din il-proprjetà ma tistax tinbiegh matul il-hajja tal-genituri tà Simon Gatt u/jew is-superstiti fosthom minghajr il-kunsens taghhom/superstiti fosthom.*

*Illi l-intendiment kien li dawn ir-restrizzjonijiet kellhom japplikaw biss ghall-fond wiehed cioé dak tà Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex, u mhux ghaz-zewg fondi kif jirrizulta li sar bi svista;*

*Illi l-esponenti jridu jikkoregu dan l-izball ukoll skont il-minuta tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata 'D';*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-isem tal-kumpanija Tamarisk Properties Limited ikun restitwit fuq ir-registru u l-istralc jergà jinfetah ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u ghal dak iz-zmien li din il-Qorti ghandha tispecifika fid-decizjoi taghha taht dawk id-direttivi u kondizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li ghandha timponi fic-cirkostanzi.*

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji datata 6 ta' Settembru, 2022 li taqra kif isegwi:

*Jesponi bir-rispett u għan-nom u in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ("Reġistratur") l-Avukat Claudette Fenech tikkonferma:*

*Illi in kwantu għall meriti fattwali ta' din il-kawza l-intimata Reġistratur tixtieq tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abli ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi meta r-Reġistratur irċiviet id-dokumentazzjoni mibgħuta lilha għax-xoljiment u għal-kanċellament tal-kumpanija* ***Tamarisk Properties Limited (C 10886)****, wara li kkonfermat illi huma konformi mal-liġi hija mxiet sabiex tirreġistrhom skont l-Artiklu 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk wara li rreġistrat id-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju l-esponenti pproċediet sabiex*

*tippublika l-avviz illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'*** *id-dokumenti u l-avviżi relatati max-xoljiment tal-kumpanija);*

*Illi minkejja tali pubblikazzjoni ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*

*Illi għaldaqstant, l-imsemmija soċjeta ġiet mħassra wara illi ġiet xolta volontarjament u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru wara proċedura illi ġiet mibdija mill-kumpanija u mill-uffiċjali tagħha stess. Illi għalhekk f'dawn il-każijiet jirriżulta illi l-obligazzjonijiet u d-doveri tal-uffiċjali tal-kumpanija u dawk tal-istralċjarju isiru iktar onerużi billi dawn għandhom jagħmlu ċert illi l-affarjiet tal-kumpanija huma verament konklużi qabel ma jippreżentaw id-dokumentazzjoni finali illi twassal sabiex l-isem tal-kumpanija jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru. Għalhekk il-kawtela, l-attenzjoni u l-viġilanza tal-uffiċjali u tal-istralċjarju għandhom ikunu fil-massimu tagħhom;*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikkorenti qegħdin isostnu illi issa wara il-kanċellament tal-isem tal-kumpanija minn fiq ir-Reġistru saru konxji mill-fatt illi għad hemm vettura illi għadha reġistrata f'isem is-soċjeta'. Fir-rikors tagħhom ir-rikkorrenti ndunaw ukoll illi f'kuntratti partikulari kien sar zball fil-pjanta mehmuza mal-istess kuntratti u fir-restrizzjonijiet kontenuti fl-istess ftehim illi għandhom bżonn jiġu korretti jew preċiżati;*

*Illi għalhekk fil-proċeduri odjerni r-rikkorenti qegħdin jitolbu sabiex l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid sabiex l-żbalji*

*illi saru biż-żvista, jistgħu kif intqal iktar qabel jiġu korretti jew ippreċizati;*

*Illi r-rikors promotur jispeċifika illi r-rikkorrenti qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq l-Artikolu 300A u 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Huwa fatt stramb kif ġew ikkwotati żewġ Artikoli tal-Att meta kif dejjem ġie preċizat fil-ġurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, dejjem qalet illi l-proċedura skont iż-żewg Artikoli kkwotati huma proċeduri distinti u għallhekk għandhom jiġu ntavolati għal raġunijiet kompletament diversi. Fil-kaz Lay Lay Co. Limited vs Peter Paul Darmanin fil-kwalit'a tiegħu qua likwidatur ta' Alsan Enterprises Company Limited (C 17683) u Ir-Reġistratur tal-Kumpannji (Rikors 715/2010 JZM) deċiza fis-7 ta' Lulju 2011, il-Qorti sostniet illi għalkemm iż-żewġ Artikoli tal-liġi għandhom fl-istess waqt a common denominator u ċioe li jistgħu jitressqu wara li l-isem tal- kumpanija jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-raġunijiet warajhom iridu jkunu eċċezzjonali u distinti;*

*Fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti kompliet issostni illi d-distinzjoni ewlenija bejn ir-rimedju illi jipprovdu ż-żewġ Artikoli hija illi l-Artikolu 300B għandu bħala rekwiżiti sine qua non l-elementi ta' illegalita' ta' natura materjali jew frodi. L-istess Onorabbli Qorti għamlitha ċara illi sabiex tkun tista tqis talba magħmula taħt dan l-Artikolu speċifiku, ma tista' qatt twarrab fil-ġenb dawn ir-rekwiżiti. Huma proprju dawn illi għandhom jiġu pprovati qabel ma l-Qorti tista tgħaddi għal xi tip ta' konsiderazzjoni oħra;*

*Illi frodi u illegalita' ta' natura materjali huma meqjusa bħala atti serji u di regola eċċezzjonali u straordinarji u għalhekk jirriżulta b'modd ċar illi meta xi ħadd iressaq talba*

*taħt l-Artikolu 300B, din għandha tiġi kkonsidrata u tintlaqa biss jekk jiġu pruvati xi wieħed min dawn ir-rekwiżiti li l-liġi tesiġi speċifikament. Propju għalhekk din il-proċedura ma għandha fl-ebda każ tkun intiża sabiex jinstab rimedju għal xi żbalji jew nuqqasijiet oħra illi setgħu ġew kommessi fil-proċedura ta' stralċ;*

*Illi min-naħa l-oħra l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ tal-kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha nteress tista' permezz ta' rikors titlob lill-Qorti sabiex tordna rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kundizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni skont iċ-ċirkostanzi tal-kaz illi jkollha quddiemha;*

*Illi kwalunkwe rimedju illi jikkontemplaw iz-zewg Artikoli ċitati huwa wieħed ta' natura eċċezzjonali illi għandu jingħata biss fid-diskrezzjoni tal-Qorti skont il-provi u l-fatti illi jinġiebu quddiemha u għalhekk għandhom jiġu aċċettati u akkordati bħala tali;*

*Illi madankollu mingħajr ebda preġuddizju għas-suespost, l-esponenti tixtieq umilment tissolleva illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandu jingħata xi rimedju, fis-sentenza tagħha għandha tistabbilixxi b'modd ċar l-iskop u l-perjodi kif ukoll għandhom jingħataw dawk id-direttivi u kondizzjonijiet kollha li hemm bżonn skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, sabiex l-affarjiet ma jitwalux bla bżonn.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 6 ta' Ottubru, 2022 li permezz tiegħu ntalbet korrezzjoni għar-rikors promotorju, rat ir-risposta u rat id-digriet tagħha;

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 60 tal-proċess datata 18 ta' Ottubru, 2022 fejn iddikjaraw kif isegwi:

'Li bija jiddikjaraw wara li raw mill-gdid ir-rikors promotur u l-iskop tat-talba taghhom, illi huma qeghdin isejsu l-istanza taghhom abbazi tal-**Artikolu 300(A)(1) tal-Kap. 386** tal-Ligijiet ta' Malta.'

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2022 li permezz tiegħu ordnat li mill-ewwel sentenza fir-rikors promotur tiġi kanċellata r-referenza għall-artikolu '300 B' u wkoll laqgħet it-talba għall-korrezzjoni kif mitluba fir-rikors datat 6 ta' Ottubru, 2022.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u l-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċizjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawża odjerna tikkonsisti f'talba tar-rikorrenti sabiex isem il-Kumpanija Tamarisk Properties Limited (C 10886) li kienet ġiet oriġinarjament stralċjata b'mod volontarju lura fis-sena 2019 terġa titpoġġa fuq ir-reġistru tal-kumpaniji għal raġuni li r-rikorrenti ndunaw li bosta assi tal-kumpanija partikolarment vetturi ma ġewx inklużi fix-xoljiment u wkoll instab żball f'kuntratt ta' bejgħ li kienet daħlet għalih l-istess kumpanija liema żball jeħtieġ li jiġi korrett b'att notarili korrettorju.

Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu ma joġġezzjonax għat-talbiet għalkemm jinsisti li dak li seħħ mhux riżultat ta' xi aġir

tiegħu u wkoll jinsisti li r-rikorrenti għandhom jindikaw taħt liema artikolu qed isejsu t-talba tagħhom u cioe' jekk hux taħt l-artikolu 300A jew 300 B tal-Kap. 386 (Att Dwar il-Kumpaniji) tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-kwistjoni dwar l-artikolu ġiet sorvolata billi fil-mori r-rikorrenti llimitaw it-talba tagħhom taħt l-artikolu 300A 1 tal-Kap. imsemmi.

Bħala provi l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors promotorju fosthom 'log-book' tal-vettura Toyota EBL 712, kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro datat 26 ta' Mejju, 2015, att korrettorju wkoll fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro datat 7 ta' Novembru, 2016 u abbozz ta' att korrettorju esebit a fol. 17 tal-proċess. Rat ukoll il-'log-book' relatat mal-vettura Honda FAL 289 a fol. 46 tal-proċess u 'log-book' relatat mal-vettura Mazda IAW 387 a fol. 49 tal-proċess.

Rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-risposta tar-Reġistratur intimat fosthom il-Form B (Notice of a resolution for dissolution and consequential voluntary winding up) datata 31 ta' Diċembru, 2016, Form L (Notice of appointment of liquidator) datata 31 ta' Diċembru, 2016 u ittra indirizzata lir-Reġistratur tal-Kumpaniji datata 28 ta' Novembru, 2018.

Semgħet ix-xhieda ta' Simon Gatt u Ludgardo Gatt fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2022 li fiha kkonfermaw li ndunaw b'kumbinazzjoni li tħallew xi assi barra mill-istralċ u partikolarment:

1. Vettura Honda FAL 289;
2. Vettura Toyota Vitz EBL 712;
3. Vettura Mazda IAW 387.

Ikkonfermaw ukoll li ndunaw li kien hemm żball f'xi servitujiet li tħallew permezz ta' kuntratt pubbliku li fih il-kumpanija kienet parti u għalhekk kellhom jintavolaw dawn il-proċeduri sabiex il-kumpanija tkun tista' tidher fuq att korrettorju dwar l-istess.

Il-Qorti rat li dak kollu li sostnew ix-xhieda ġie sopportat b'dokumentazzjoni fl-atti.

Rat l-artikolu 300 A tal-Kap. 386 li jaqra kif isegwi:

'300A. (1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta'distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa: Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.

(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.'

Illi mill-provi mressqa fl-atti l-Qorti tqis li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw il-pretensjonijiet taghhom fit-termini tal-artikolu tal-liġi hawn fuq imsemmi partikolarment is-sub-artikolu 1 u 3 u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet rikorrenti.

**Deċizjoni:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha sueposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u

tordna li l-isem tal-kumpanija Tamarisk Properties Limited (C 10886) jiġi restitwit fuq ir-reġistru u l-istralċ jerġa' jinfetaħ għar-raġunijiet indikati fir-rikors promotur u dan għal żmien massimu ta' sena mid-data ta' din id-deċizjoni sabiex ikunu jistgħu isiru t-trasferiment tal-vetturi msemmija f'din id-deċiżjoni u jkun jista' jiġi ppubblikat l-att korrettorju fit-termini tal-abbozz esebit fl-atti a fol. 17 et seq tal-proċess.

Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati mill-istess rikorrenti.

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**